MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Numru. 799/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ivan Cilia]**

**vs**

**Carmelo Caruana**

**Kumpilazjoni Nru: 799/2009**

**Illum, 15 ta’ Ottubru 2010,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Carmelo Caruana,** ta’ 58 sena, bin Antonio u Giovanna nee’ Bartolo, imwieled il-Marsa nhar l-20 ta’ Settembru 1950, joqghod 47, Triq Braret, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 776850M

Akkuzat talli f' April 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd:

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, f'l-atti li bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi hsara tal-Gvern ta' Malta u/jew Dipartiment tal-V.A.T.

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xierqa ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggiegħel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor:

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandi* d-disposizzjoniet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-

hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota a' lAvukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 17, 18, 23B, 31, 42, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li jinkwadra ruhu f'investigazzjoni ferm aktar wiesgha li kienet tikkoncerna kaz ta' (*interalia*) frodi fid-dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud (hawn taht imsejjah id-Dipartiment) li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm jew kien hemm proceduri penali pendenti.

Illi kif diga kellha okkazzjoni tirrileva din il-Qorti l-allegat involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijiet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami jidher li qed jigi allegat li l-imputat accetta hames mitt Euro (€500) minghand impjegat iehor

tad-Dipartiment biex jitnehha sekwestru li kien inhareg fil-konfront ta' terza persuna, x'aktarx socjeta kummercjali.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet sebgha xhieda: erbgha minnhom pulizija, wahda impjegata mad-Dipartiment, iehor rapprezentant tal-Management Personnel Office fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru u xhud iehor kien espert nominat minn din il-Qorti.

Illi l-ewwel xhud kien l-Ispettur Ivan Cilia. Dan bazikament spjega li l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' *principal* fil-*Collection Scetion* tad-Dipartiment u li l-pulizija waslet biex investigat lill-imputat ghaliex waqt l-interrogatorju ta' certu Nigel Abela (interrogatorju li kien sar fil-kuntest ta' l-investigazzjoni aktar wiesgha b'konessjoni ma' dan il-kaz) gie allegat li l-imputat ircieva s-somma ta' hames mitt Euro (€500) biex jitnehha mandat ta' sekwestru fuq socjeta kummercjali li isimha qatt ma gie specifikat minn dan Nigel Abela. L-Ispettur Cilia spjega wkoll x'irrizulta mill-interrogatorju ta'l-imputat u prezenta z-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Illi t-tieni xhud kien l-Ipettur Angelo Gafa. Dan kien l-ufficjal li ha t-tieni stqarrija rilaxxjata mill-imputat u d-depozizzjoni tieghu kienet intieza biex tigi kkonfermata din it-tieni stqarrija.

Illi z-zewg pulizija l-ohra li xehdu (PS1579 Johann Mifsud u PC344 Christopher Vella) kienu prezenti waqt it-tehied ta' l-istqarrijiet u permezz tad-depozizzjoni taghhom huma konfermaw il-volontarjeta ta'dawn iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Illi xhud iehor kien Anthony Zammit li xehed in rapprezentanza tal-Management Personnel Office. Dan ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien ufficjal pubbliku u ta informazzjoni dwar il-karigi li okkupa l-imputat fis-servizz pubbliku tul is-snin.

Illi xehdet certa Maryanne Schembri in rapprezentanza tad-Dipartiment li ukoll tat informazzjoni dwar il-karigi li okkupa l-imputat minn zmien ghal zmien fi hdan id-

Dipartiment u anke spjegat fi ftit dettal x'kien jikkonsisti x-xoghol ta'l-imputat f'l-ahhar kariga li kien jokkupa u cioe bhala *principal* fil-*Collection Section*.

Illi xehed ukoll Dr Patrick Valentino, l-espert nominat minn din il-Qorti biex jaghmel l-inventarju ta'l-assi ta'l-imputat b'l-informazzjoni kollha relattiva ghall-istess; huwa fil-fatt prezenta r-rapport minnu redatt in ezoneru ta'l-inkarigu lilu moghti.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet xhud iehor, Nigel Abela, dan pero prevalixxa ruhu mill-fakolta tieghu li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi fil-kors tal-proceduri gew prezentati diversi dokumenti: iz-zewg stqarrijiet ta'l-imputat, *service records* ta'l-imputat u l-inventarju ta'l-assi ta'l-imputat.

Illi fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat dak li jispikka huwa c-cahda kategorika u ripetuta ta'l-imputat dwar l-involviment tieghu f'dan il-kaz b'mod generali imma anke cahda specifika ta' l-allegazzjoni li huwa qatt talab u/jew ircieva xi flus minghand dan Nigel Abela jew xi persuni ohra. Waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrijiet l-imputat gie mistoqsi rigward xi persuni u/jew socjetajiet kummercjali registrati mad-Dipartiment ai fini ta' taxxa dwar il-valur mizjud, u hu ta l-informazzjoni rikjesta u x'involviment seta' kellu hu f'dawn il-kazijiet. Minn dak li rrakkonta l-imputat dwar l-involviment tieghu f'kull wiehed mill-kazijiet li gie mistoqsi dwarhom ma jirrizulatx xi operat illegali. Ghandu jigi rilevat li hadd minn dawn it-terzi persuni imsemmija f'l-istqarrija, u li dwarhom gie mistoqsi l-imputat, ma tressaq bhala xhud mill-pulizija; lanqas ma' ntalbet d-depozizzjoni taghhom mill-Avukat Generali fil-fazi struttorja ta'dawn il-proceduri.

Illi kif intqal gie prezentat ukoll inventarju ta'l-assi ta'l-imputat redatt mill-espert nominat mill-Qorti. Dan l-inventarju jaghti rendikont ta'l-assi ta'l-imputat pero ma jitfa' l-ebda dawl fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal aktar 'l fuq dan il-kaz jifforma parti minn sensiela ta' kawzi intavolati kontra ghadd ta' persuni allegatament involuti f'dan il-kaz akbar ta' frodi ghad-dannu tad-Dipartiment.

Illi l-Qorti pero necessarjament ghandha titratta kull kaz separatement u indipendentement mill-iehor u ghandha ukoll tasal ghal decizjoni f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet a bazi tal-provi prodotti f'dak il-kaz specifiku; u naturalment f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet japplikaw ir-regoli kollha procedurali li japplikaw f'kull procedura kriminali inkluz dawk ir-regoli dwar x'jikkostitwixxi prova ammissibbli.

Illi fir-realta l-prosekuzzjoni bbazat il-kaz kollu kontra l-imputat odjern fuq dak li qal Nigel Abela waqt l-interrogatorju tieghu (cioe ta' Nigel Abela) u li gie ripetut mill-istess Abela fil-konfront li sar bejnu u bejn l-imputat waqt li l-imputat kien qed jirilaxxja l-ewwel stqarija tieghu.

Illi pero wiehed ma jistax jinsa li dak li qal Nigel Abela lil hadd iehor (u cioe lill-ispetturi li kienu qed imexxu din l-investigazzjoni), anke fil-prezenza ta'l-imputat, u li ma gietx konfermata mill-istess Abela personalment waqt is-smiegh ta' dan il-kaz tista' titqies bhala *hearsay evidence* u ghalhekk huwa inammissibbli bhala prova.

Illi ezami ta'l-atti processwali juri li ma ngabet l-ebda prova ohra li b'xi mod timplika lill-imputat fil-fatti li qed jigu attribwieti lilu. Ma jirrizultax min kienet il-persuna (fizika jew legali) registrata mad-Dipartiment u li b'konnessjoni maghha l-imputat ghamel jew m'ghamilx dak li kien fid-dover tieghu; ma jirrizultax jekk dak li qed jigi allegat huwa li l-imputat accetta flus biex jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel jew accetta flus biex ma' jaghmilx dak li kien fid-dmir li jaghmel; ma jirrizultax jekk bit-tnehhija tas-sekwestru imsemmi d-Dipartiment kien ser jigi defrodat u jekk iva b'liema ammont; ma jirrizultax xi kwalunkwe agir iehor da parti ta'l-imputat li permezz tieghu seta' kien partecipi f'xi frodi kontra d-Dipartiment; u lanqas ma

jirrizulta li l-imputat kellu xi influenza fuq xi ufficjal pubbliku iehor u wisq anqas jirrizulta li prova jezercieta tali influenza.

Illi x'jikkostitiwixxi r-reati addebietati lill-imputat u x'inhuma l-elementi rikjesti biex jissussitu dawn ir-reati huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna, pero, fin-nuqqas ta' kwalunkwe element ta' prova fattwali li tista' tinkwadra ruhha f'dawk l-elementi, il-Qorti b'l-ebda mod ma tista' torbot lill-imputat mar-reati li qed jigu addebietati lilu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom. Ghal kull buon fini u wara li rat is-subartikoli 2(b) u 6 ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta qed tirrevoka l-ordni ta' sekwestru li kien ghadu vigenti fil-konfront ta' l-imputat u li huwa naxxenti mid-degriet tad-19 ta' Frar 2010 u konfermat b'degriet iehor tas-26 ta' Mazu 2010 u tordna lir-Registratur ta' din il-Qorti biex jaghmel id-debieta publikazzjoni ta' din ir-revoka.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------